**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tas-66 laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 11 ta' Diċembru 2014 fis-5:15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |

| **Skuzati** | |
|---|---|
| **Kunsillier** | Vincent Galea |
| **Ambaxxattrici Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**66/01 Talba**

66/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. billi ntqalet it-talba. Il-Kunsillier Vincent A Galea u l-Ambaxxatrici Żagħżugħa Rebecca Chircop kienu infurmaw li ma setghux jattendu l-laqgha minhabba impenji ohra. Huma ġew skużati.

**66/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 65**

66/02/01 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**66/03 Punti mtella' mill-Minuti 65**

66/03/01 **Para 65/03/01:** Il-Green MT kien neħħew l-iskips wara talba mill-Kunsill u kienu ipprovdew 400 romblu ta' boroż griżi li bdew jitqassmu lir-residenti.

66/03/02 **Para 65/03/02:** It-tabelli tal-ismijiet tat-toroq ghandhom ma gewx provduti minn Bristow Potteries. Ser inkomplu nsegwu. Il-kaxxa quddiem il-garaxx fil-Pjazza tad-Dejma ghandha ma saritx.

66/03/03 **Para 65/03/03:** Il-Kunsill ġie infurmat li kienet intbaghatet risposta bl-Avukat lil Euro Clean. Sa issa l-ammont dovut ghadu ma giex iddepositat il-Qorti.

66/03/04 **Para 65/03/04:** Il-kuntrattur informa lill-Kunsill li l-permessi kienu ħarġu u qed jistenna li jinghata l-materjal mill-WSC halli jibda jibdel il-main tal-ilma.

66/03/05 **Para 65/03/05:** Komplew jidhlu aktar ilmenti dwar Triq Sta Katerina. Is-Sindku qal li TM kienet infurmat li ser issir laqgħa mal-Ministu Joe Mizzi mat-tliet Kunsilli involuti.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**66/03/06** **Para 64/03/06:** Il-fuljett kien ġie stampat u mqassam lir-residenti. Kopja tal-fuljett ser titellgha fuq il-website tal-Kunsill.

**66/03/07** **Para 65/03/08:** Ġie innutat l-għeluq ta' din l-iskema ġiet estiża għall-aħħar tas-sena u għandu jsir seminar fis-16 ta' Diċembru 2014 biex jiġu spejgati l-*guidelines*. L-Agent SE għandu jikkonferma jekk il-Kunsillier Vincent A Galea hux ser jattendi ghal din il-laqgha.

**66/03/08** **Para 65//03/10:** Il-Kunsill ġie infurmat li ghadha ma saritx *site inspection* mill-MEPA fi Triq Katerina Sammut.

**66/03/09** **Para 65/03/12:** Ġie innutat li l-pagamenti mill-*Paying Agency* għadhom pendenti. L-Agent SE intalab sabiex isegwu u jinforma lill-Kunsill.

**66/03/10** **Para 65/03/14:** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li hu kellu laqgħa mal-Assistent Kummissarju Zarb rigward il-problemi tat-traffiku fosthom il-parti ta' Triq il-Gnien hdejn il-Palazz tal-Kmand. L-Assistent Kummissarju weighed li ser jara x'jista jsir.

**66/03/11** **Para 65/03/15:** Il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni għall-bozza ġdida fi Triq Dun Karm Fenech saret.

**66/03/12** **Para 65/03/16:** *Smart lights* għandhom jipprovdu kwotazzjoni sabiex jaghmlu huma x-xogħol fuq id-dawl taz-*zebra crossing* tal-Pjazza.

**66/03/13** **Para 65/03/17:** Is-Sur Alfred Muscat informa lill-Kunsill li diġà hemm 65 persuna li ikkomfermaw li ser jattendu għall-attività tal-anzjani li ser issir fit-18 ta' Diċembru 2014. Hu ta ukoll aktar dettalji dwar din l-attivita'.

**66/03/14** **Para 65/03/18:** Is-Sur Christopher Fenech tkellem fuq l-attività Milied fil-Pjazza li ser issir fl-14 ta' Diċembru 2014 u ta' dettalji dwar din l-attivita'.

**66/03/15** **Para 65/03/19:** Is-Sur Mark Azzopardi tkellem fuq l-attività Mixja mill-Għar li ser issir fit-12 ta' Diċembru 2014 u ta' dettalji dwar din l-attivita'.

**66/03/16** **Para 65/03/20:** Il-Kunsill unanimament iddecieda li jixtri computer tad-ditta DELL minghand Intercomp Ltd.

**66/03/17** **Para 65/05/04:** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li hu kien investiga l-ilment dwar kaxxa safra fi Triq Karmnu Zarb. Il-Kunsill unanimament iddecieda li ma jsir xejn aktar.

**66/03/18** **Para 65/07/01:** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li hu qed isegwi mal-Management tal-Mc Donalds it-twahhil tal-bins.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**66/03/19** **Para 65/07/03:** Il-Kunsill gie infurmat li l-kuntrattur kien accetta pagament ta' €65,000 in full and final settlement tal-ammont pendenti ta' €72,740.39 fuq il-kisi ta' toroq bit-tarmak taht l-ewwel skema tal-PPP. Il-Kunsill unanimament approva li jsir il-hlas ta' €65,000.

**66/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**66/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. Ġew approvati ukoll l-pagamenti li saru mill-*petty cash.*

**66/05 Ilmenti u Suġġerimenti**

**66/05/01** 18114008221554 Talba sabiex titnehha t-*trafic hump* ta' Triq Karmnu Zarb Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba ghaliex din it-*traffic hump* kienet saret wara talba mir-residenti tal-istess triq u qed tilhaq l-iskop li ghalih twahhlet

**66/05/02** 18114075221552 Talba minn residenta toqghod fi Triq il-Kbira sabiex issir kaxxa safra quddiem id-dar taghha. Gie unanimament deciz li jekk din ir-residenta ghandha garaxx li jintuza sabiex fih tiddahhal il-karrozza issir kaxxa safra bhala ma issoltu issir. Jekk ma ghandix garaxx kaxxa safra tkun tista issir wara li r-residenta tikseb il-permess ta' TM jekk fid-dar tghix persuni li ghandha bzonnijiet specjali.

**66/05/03** 18114099221550 Talba minn residenta toqghod fi Triq Indipendenza sabiex tkun tista tipparkja l-vettura taghha fil-*front garden.* Il-Kunsill ma ghandu l-ebda oggezzjoni li din ir-residenta tipparkja l-vettura taghha fil-*front garden.* Importanti li l-karrozza ma tohrogx il-barra ghal fuq il-bankina.

**66/05/04** 18114014221549 Talba sabiex terga tehel *traffic hump* fi Triq Katerina. Il-Kunsill innota li diga inharget *works order* sabiex din il-*hump* issir. Ser insegwu mad-Dipt. tad-Distretti.

**66/06 Korrispondenza**

**66/06/01** Korrispondenza minn Rodeco Ltd Malta fejn dawn ipproponew skema biex isir *patching* fil-lokalita'. Din it-talba għandha tiġi kkunsidrata u ghandha issir laqgha ma din il-kumpanija li ghalija ser jattendi l-Kunsillier Alfred Muscat.

**66/06/02** Ġiet innutata Memo 29/2014 rigward lista tal-pagamenti.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

66/06/03 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar laqgha li hu kellhu ma ufficcjali mid-Dipt tal-Edukazzjoni kif ukoll dwar email li kien ircieva minghand is-Sur Olivier Mamo. Il-Kunsill innota li d-Dipt tal-Edukazzjoni kien qed jinsisti li l-librerija pubblika tinghalaq sabiex il-kamra tkun tista tintuza bhala klassi. Kien hemm diskussjoni dwar dan is-suggett fejn issemma ukoll li fl-iskola primarja tar-rahal kienu qed jigu accettati tfal li ma ghandhom l-ebda rabta mar-rahal bil-konsegwenza li qed tinholoq problema ta' spazju. Il-Kunsill unanimament qabel li joggezzjoni li l-librerija pubblika tinghalaq sakemm jinstab post alternattiv liema post ghandu jkun adekwat u joffri accessibilita' lil kulhadd.

66/06/04 Ġew innutati korrispondenza mill-MEPA.

66/06/05 Ġiet innutata l-ittra mill-Avukat tal-Kunsill bħala risposta lill-Euroclean.

66/06/06 Ġiet innuata Ċirkolari 75/2014 rigward konferenza mill-*Managment Efficiency Unit* fis-16 ta' Diċembru 2014.

66/06/07 Ġie innutat seminar minn TM u FAA fuq *Roadside Trees* fil-5 ta' Diċembru 2014.

66/06/08 Ġiet innutata wkoll korrispondenza minn TM fejn il-Kunsill ġie infurmat li għandha ssir laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi fuq l-arranġamenti tat-traffiku fit-Toroq Santa Katerina, Sebħ, Madliena u tal-Ibraġ.

66/06/09 Il-Kunsill ġie infurmat li l-għeluq tal-iskema fondi għall-attivitajiet kulturali ġie estiż għall-aħħar tas-sena u għandu jsir seminar fuq il-linji gwida fis-16 ta' Diċembru 2014.

66/06/10 Email minghand resident lill-Kunsillier Alfred Muscat bhala Chairman tas-Sotto Kumitat SKQS. Dan ir-resident talab li jigi nominat sabiex jidhol bhala membru f'dan is-Sotto Kumitat. Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li hu ser jirreferi din it-talba lis-Sotto Kumitat SKQS fil-laqgha li jmiss aktar tard dan ix-xahar.

66/06/11 Talba sabiex jintbaghat Project Progress Report għal Measure 125. L-Agent SE ser jieu hsieb jibghat dan ir-rapport.

66/06/12 Ġiet innutata Konferenza Nazzjonali fit-3 ta' Diċembru 2014 dwar persuni b'Diżabbiltà.

66/06/13 Ir-Reġjun Tramuntana talab lill-Kunsill biex jinnomina persuna biex isservi fis-Sotto Kumitat tal-Kultura, Sport u Edukazzjoni. Wara diskussjoni ġie unanimament deċiż li jiġi nnominat il-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi.

**66/07 Materji oħra u mistoqsijiet**

66/07/01 Il-Kunsill innota b'sodisfazzjoni li l-Qorti kienet iddeciedet li t-talba ghal hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni li kien ipprezenta kuntrattur ma kienitx gustifikata. Il-Kunsill talab li jinghata rendikont tal-ispejjez ghall-Kunsill relatati ma din il-kawza.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**66/07/02** Kien hemm diskussjoni rigward iz-zewg proposti li l-Kunsill ircieva ghar-restawr u l-uzu tas-*Searchlight Battery*. Il-Kunsill indika li hu aktar favur jikkunsidra l-proposta ta' Dr Ciliberti li fost l-ohrajn tinkludi l-izvilupp ta' post kummercjali. Gie unanimament deciz li l-ewwel issir laqgha mad-Direttur Generali tal-GPD halli naraw x'jista jsir dwar it-trasferiment tal-post. L-Agent S.E. intalab jirranga appuntament.

**66/07/03** Il-Kunsill unanimament approva l-*Quarterly Financial Reports* sat-30 ta' Settembru 2014. Kopja ta' dawn ir-rapport ser jintbaghtu lid-DLG kif ukoll titpogga fuq il-websajt tal-Kusnill.

**66/07/04** Is-Sindku informa li l-Għaqda tan-Nar kien talbu għal-laqgha mal-Kunsill peress li qed jipproponu li n-Nar tal-Art fil-festa jibda jsir fl-inhawi tal-Gebla l-Kbira. Gie deciz li din il-laqgha tinzamm wara li jghaddu l-festi tal-Milied.

**66/07/05** Kien hemm diskussjoni rigward *Tender* T-07/14-24 - *Resurfacing in Concrete* of Sqaq il-Maħruq. Ġie innutat li kien hemm tliet offerti. Il-Perit tal-Kunsill informa lill-Kunsill li t-tliet offerti kienu teknikament konformi mat-talbiet fit-*tender*. Għalhekk unanimament deċiż li tintgħażel l-irħas offerta dik tas-*Central Asphalt*. L-Agent S.E. intalab sabiex jinforma lill-offerenti bid-decizjoni tal-Kunsill u biex wara jiehu hsieb li tinhareg il-*Letter of Acceptance*.

**66/07/06** Is-Sindku, l-Kunsillier u l-Istaff tal-Kunsill awgura l-isbah xewqat lir-residenti kollha.

**66/08** **Aġġornament**

**66/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.15 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 7 ta' Jannar 2015 fis-5:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kurt Guillaumier** | **7 ta' Jannar 2015.** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |